MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 614/1987/1

**Anthony Montebello f'ismu *proprio* u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'A. Montebello Limited'.**

**-vs-**

**Max. G. Micallef f'ismu *proprio* u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Dormax Press Co. Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' Lm750 bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur

ta' xoghol ta' thaffir, provista ta' materjal tal-franka, etc. ghal tahmil ta' plot f'Santa Venera, maghmula u esegwita mill-esponenti fuq inkarigu ta' l-istess konvenut *proprio et nomine*;

Premess illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas, inkluzi permezz ta' ittri legali datati 29.1.1987, 26.2.1987 u 10.4.1987, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm750, bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz u valur ta' xoghol ta' thaffir, provista ta' materjal, etc. ghal thamil ta' plot f'Santa Venera, maghmula u esegwita mill-istess attur, fuq inkarigu tal-konvenut *proprio et nomine*;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-tliet ittri legali, u bl-imghax legali mid-data ta' l-esekuzzjoni tax-xoghol sa' l-effettiv pagament;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi preliminarjament l-konvenut *nomine* ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-eccipjent ma jirrapprezenta ebda socjeta` kif imsemmija fic-citazzjoni;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenut jeccipixxi n-nullita` tac-citazzjoni peress illi l-kawzali huma wahda incerti;

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal premess l-eccipjent m'ghandu jaghti ebda somma fil-konfront tas-socjeta` A. Montebello Limited peress illi s-socjeta` Dormax Press Company Limited qatt ma kellha relazzjonijiet mas-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal ta’ l-Udjenza tas-26 ta’ Frar 1988 li fih id-difensur tal-konvenut *proprio et nomine* irtira t-tieni eccezzjoni u jikkjarifika li t-tielet eccezzjoni kellha tiftiehem fis-sens li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex relazzjoni mas-socjeta` attrici imma biss ma’ l-attur f’ismu proprju; eccepixxa wkoll ulterjorment li s-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti xejn lanqas lill-attur fil-kwalita` tieghu personali;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Frar 1988 li permezz tieghu gie nominat AIC Joseph Jaccarini bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talba attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 61 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-16 ta’ Marzu 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax it-tul esagerat ta' zmien li hadet din il-kawza biex tasal sal-finalita` taghha, meta l-meritu verament ma kienx jirrikjedi akkomodament biex il-partijiet, u b'mod partikolari l-konvenut, jezawrixxu l-provi taghhom. Ara verbali minn fol. 25 sa' fol. 49 tal-process mifruxa fuq perjodu ta' hames snin. Kien hemm ukoll dewmien bla bzonn biex jithallas u jinhalef ir-rapport (fol. 60) u intant il-kawza issa ilha mhollija ghas-sentenza mill-10 ta' Gunju 1998 (fol. 59);

Tajjeb li jigi rammentat illi "l-provvedimenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw il-kondotta tal-kawzi huma intizi mhux biss biex jassiguraw smiegh xieraq imma wkoll smiegh <u>bla dewmien</u> u <u>fi zmien xieraq</u>" - "**Theodora Gauci et -vs- Frank Borda**", Appell, 29 ta' Mejju 2000;

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti tinnota wkoll illi l-partijiet naqsu li jhollu t-tahbila dwar min fost l-atturi - gjaladarba dan harrek kemm f'ismu personali kif ukoll in rapprezentanza ta' socjeta` tieghu - kellu *locus standi* jew min fost il-konvenuti - hekk citati wkoll f'ismu proprju u ghan-nom ta' socjeta` - kien il-proprju legittimu kontradittur. Fil-fatt nonostante eccezzjonijiet f'dan is-sens (fol. 7) kif modifikati bil-verbal tas-26 ta' Frar 1988 (fol. 8) il-konvenuti naqsu li jsostnu bi prova certa illi l-kontrattazzjoni saret bejn is-socjeta` konvenuta u l-attur in veste personali. Indubbjament kien hemm mankanza shiha mill-kontendenti biex jassikuraw, bid-debiti provi jew osservanzi tan-normi procedurali, min kellhom ikunu l-veri kollitigandi. Fic-cirkostanzi din il-Qorti jkollha taccetta, anke ghaliex l-attur baqa' ma zmentix l-affermazzjoni tal-konvenut, illi n-negozju guridiku intervenut kien bejn l-attur personalment u s-socjeta` konvenuta;

Fil-meritu, imbaghad, is-socjeta` konvenuta lanqas irnexxielha taghti sostenn lill-eccezzjoni ulterjuri taghha verbalizzata fl-udjenza tas-26 ta' Frar 1988 illi hi ma ghandha taghti xejn lill-attur fil-kwalita` tieghu personali. Essenzjali f'kawza ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni tal-principju illi min jallega jrid jipprova. Dan fuq l-istregwa tal-massima Latina "*incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat*". Fil-kaz *de quo* l-qofol tal-meritu kien proprju din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta illi hi ma ghandha taghti xejn lill-attur. Jekk l-attur ikun wasal biex isostni l-allegazzjoni tieghu illi hu kien ghad baqalu jircievi bilanc ghax-xoghlijiet li esegwixxa, kien imbaghad jispetta lis-socjeta` konvenuta li tipprova l-kuntrarju, u dan b'mod konvincenti u konklussiv;

Gwidat mill-ispjega fornita mill-istess konvenut fil-kors ta' l-access (fol. 88) u fuq il-bazi tad-dokumenti esebiti - pjanta u kont (Dok. A7) - kif ukoll bl-applikabilita` ta' rati kif kien kalkolat xoghol konsimili fl-epoka li fih saru x-xoghlijiet, il-perit relatur AIC Joseph M. Jaccarini, wara ezami tal-provi, kostatazzjonijiet u verifiki hekk iddetermina:-

I. Li l-attur esegwixxa x-xoghlijiet lilu kommissjonati mill-konvenut *nomine*; u ghalhekk, f'dan is-sens, l-attur ghamel il-prova li di diritto kien obbligat jaghmel. Dan ghaliex ukoll, din il-prova ma gietx kontrastata jew negata mill-konvenut;

II. Li x-xoghlijiet kienu estensivi u ghalhekk iz-zmien impjegat (ghaxart ijiem) mill-attur biex jiffinalizzahom ma kienx wiehed esagerat, tenut qies ukoll li dawn kienu jinvolvu thammil ta' hamrija u tqattiegh ta' turbazz u blat;

III. Li l-qisien indikati fil-kont Dok. A7 kienu japprossimaw dawk li ha in konsiderazzjoni l-istess perit tekniku ghal finijiet tal-kalkolu tieghu;

IV. Li meta jittiehed rigward tal-valur totali tax-xoghlijiet ezegwiti u tnaqqas minnhom l-ammonti (Lm300 u Lm150) imhallsa akkont, l-attur kellu jircievi pagament bilancjali ta' Lm863.56. Din is-somma effettivament hi aktar gholja minn dik riklamata mill-attur u ghalhekk gustament il-perit relatur iddikjara li kellha tigi konsiderata dik pretiza u rikjesta mill-attur fil-korp tac-citazzjoni;

Konfrontat bl-opinjoni teknika tal-perit, il-konvenut, kif del resto gab ruhu fil-kors tal-proceduri, baqa' passiv u la eskuta lill-perit, la talab li jaghmel nota ta' kritika u wisq anqas ipprevalixxa ruhu mill-fakolta lilu moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali;

Giet bosta drabi enuncjata l-osservazzjoni illi "kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u

kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova." ("**John Saliba -vs- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000; "**Joseph Calleja *nomine* -vs- John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001);

Fil-kaz in ezami l-opinjoni teknika hi wahda valida u ghalhekk hu l-kaz li l-Qorti taddottaha ghall-iskop tal-gudizzju taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut *nomine*, b'dan li qed tillibera lill-konvenut proprju mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' d-domandi ta' l-attur in veste proprja u tikkundanna ghalhekk lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur proprju s-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm750) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti prezz u valur ta' xoghlijiet lilu kummissjonati mill-konvenut *nomine* u minnu ezegwiti.

Bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (27 ta' Novembru 1987) u bl-ispejjez, kif mitluba, a kariku tal-konvenut *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

_________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur